

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.9769 — VW Group/Munich RE Group/JV)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 99/07)

1. Fis-16 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- MHP Management-und IT-Beratung GmbH ("MHP", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Dr. Ing. h.c. F. Porsche Aktiengesellschaft ("Posche", il-Ġermanja), li finalment hija kkontrollata mill-Volkswagen Group ("VW", il-Ġermanja),
- Münchener Rückversicherungs-Gesellschaft Aktiengesellschaft f'München ("Munich RE", il-Ġermanja).

Porsche, permezz tas-sussidjarja tagħha MHP, u Munich RE takkwista, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture ("JV", il-Ġermanja).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- MHP: kumpanija ta' ġestjoni u ta' konsulenza dwar l-IT. Porsche u VW huma attivi mad-dinja kollha fl-iżvilupp, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ ta', fost oħrajn, karozzi tal-passiġġieri, vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet, karozzi tal-linja, muturi kif ukoll servizzi anċillari finanzjarji u tal-assikurazzjoni u soluzzjonijiet ta' servizzi tal-mobilità,
- Munich RE: kumpanija internazzjonali tal-assikurazzjoni.

Il-JV se tipprovdi servizzi ta' konsulenza, inkluż l-iżvilupp ta' kunċetti, ġestjoni tar-riskju, u żvilupp tas-software, fir-rigward tal-ippjanar, it-twaqqif u t-tħaddim ta' soluzzjonijiet ta' produzzjoni diġitali u flessibbli.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinhdieg li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9769 — VW Group/Munich RE Group/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË
